16 ta' Lulju 2010

Ref. 5/194/04

**Minuti tal-Laqgha Nru 41**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 13 ta' Lulju 2010. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch, il-Kunsilliera Ebejer. Il-Vici-Sindku Borg kien skuzat. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-Laqgha.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru .40**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

**Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru.40**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

2) **Korrispondenza**

**2.1– Ittra mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar Memo 14/2010 -** Il-Membri tal-Kunsill qabblu li napplikaw ghal zewg attivitajiet li huma Milied Imdawwal u napplikaw ghall-attivitajiet ohra flimkien mal-baned ghal Novembru 2010.

2.2 - Il-Kunsillier Dalli qal li hemm pjanat naghmlu zewg laqghat teknici mal-Kunsilliera ta' Paola-Italia. Hu qal li dawn il-membri gejjin mit-22 ta' Lulju 2010 sas-27 ta' Lulju 2010. Huwa kompla jghid li l-ahjar li niltaqghu mas-Sur Malcolm Borg ta' Heritage Enterprise u niddiskutu l-programm.

2.3 - Is-Segretarju qal li rridu naraw ftit minhabba l-budget li hu ta' € 1,300.

2.4 - Il-Kunsillier Dalli ssuggerixxa li biex nillimitaw l-ispejjes tal-Kunsill, il-laqghat kollha jsiru fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali Paola.

2.5 - Is-Segretarju qal li l-Kunsill irid jikri zewg karozzi minhabba li gejjin sitt Kunsilliera minn Paola Italia sakemm m ajkun hemm xi kunsillier u joffri l-l-ghajnuna tieghu ukoll. Hu kompla jghid li kull filghaxija, nohorguhom il-Festa ta' Paola.

2.6 - Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 24 ta' Lulju 2010 u nhar il-Hadd 25 ta' Lulju 2010 nohduhom il-Knisja ta' Kristu Re.

2.7 - Il-Kunsillier Dalli qal li s-Sibt 24 ta' Lulju 2010 filghaxija, nohduhom l-attivita' tas-Socjeta' Filarmonika Gran Mastru Fra Antoine De Paule, Banda Kristu Re.

2.8 - Huwa kompla jghid li l-laqghat l-ahjar li jsiru l-Hamis u l-Gimgha, u li huwa tkellem ma-Direttur tal-*Hypogeum* u tah sitt biljetti b'xejn u nkunu nistghu ndawwruhom mal-Lokalita' ta' Paola.

2.9 - Is-Segretarju qal li erbgha mill-Kunsilliera ta' Paola Italia gejjin il-Hamis 23 ta' Lulju 2010.

2.10 - Il-Kunsilliera Ebejer staqsiet go liema lukanda ser joqoghdu l-Kunsilliera. Is-Segretarju qal li ser joqoghdu gol-Kastell *Wine Bar*, Tarxien.

2.11 - Is-Sindku qal li ghas-Sibt filghaxija, navzaw lill-Kappillan, Dun Vincenz Cachia biex lil dawn il-Kunsilliera ta' Paola Italia jzommilhom xi *seats* riservati.

2.13 - Il-Kunsillier Dalli ssugerixxa biex waqt il-laqghat tal-Hamis u l-Gimgha ngibu xi ikel. Huwa qal ukoll biex il-Gimgha filghaxija nohduhom jaraw in-nar. Il-Membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

**3) <u>Tender Pending Works Boffa Garden</u>**

3.1 - Is-Sindku qal li ser tohrog tender biex issir *gazebo* u li madwarha ser isir xi loghob ghat-tfal u li ghandu jcempel lil Perit tal-Kunsill ghall-*ispecifications*. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

3.2 - Is-Segretarju gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ghad hemm tenders mhux skond il-ligi.

3.3 - Il-Kunsillier Dalli u l-Kunsillier Seychell qal li hu ra tenders tal-Bulky Refuse u tas-Soft Areas.

3.4 - Is-Sindku qal li fit-Tender tas-Soft Areas kellna nzidu l-Gnien ta' Pawlu Boffa.

3.5 - Il-Kunsillier Borg Myatt dahal ghal-laqgha tal-Kunsill fis-6.30pm.

3.6 - Is-Segretarju qal li jekk il-Kunsill iddecieda li jinhargu t-tenders kollha, l-ahjar narawhom ftit qabel jinhargu.

3.7 - Il-Kunsillier Dalli qal li ghalih, it-Tender tas-Soft Areas tista' tohrog kif inhi, u ndahhlu fiha l-Gnien ta' Wied Blandun. Huwa kompla jghid li l-Kunsill qed jikser il-ligi, u li suppost johorgu t-tenders u lanqas biss jiggeddu ma' qeghdin. Huwa zied jghid li hu mhux ippreparat li jikser il-ligi.

3.8 - Il-Kunsillier Dalli staqsa x'inhi s-sitwazzjoni fuq it-tenders. Is-Segretarju qal li ghadu jistenna li dawn jigu revizjonati mis-Sindku kif kien deciz fl-ahhar laqghat.

3.9 - Is-Segretarju qal ukoll li spejjes inqas minn Lm 500.00, issir *direct order.*

3.10 - Il-Kunsilliera qabblu li jinhargu t-tenders kollha. Dawn huma tender tal-Perit, ta' l-Accountant, tal-Gazebo tal-Bandli, Supply of Ironmongery Products, Expression of Interest Boffa Gardens.

## 4) Schreiber Grawnd

4.1 - Il-Kunsillier Seychell qali li diga' gew 2 periti u mar hu stess jara maghhom biex jigu jnaddfuh. Huwa talab lis-Segreterija biex tintbaghat ittra lid-dipartiment ta' l-Artijiet dwar dan.

4.2 - Il-Kunsillier Dalli qal li l-importanti li l-grawnd jigi devolut lill-Kunsill Lokali Paola u mbaghad wara naraw kif ser jintuza bhala parkegg.

4.3 - Il-Kunsill Dalli qal li l-Kunsill jiehu hsieb il-grawnd imma l-Lands Dept x'hin ikunu jridu lura jehduh.

## 5) Budget and 3rd year Business Plan.

5.1 - Is-Segretarju gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill Lokali Paola qed jahdem minghajr *budget* u *business plan* u li jekk jibqa' sejjer hekk, ma jkollux triq ohra hlief li jirraporta lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

5.2 - Il-Kunsillier Dalli ssugerixxa li l-ahjar, kull kunsillier jaghmel lista tal-pjanijiet tieghu ghal 3 snin u mbaghad niddiskutu flimkien u wara jsir il-*Budget*. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

5.3 - Is-Sindku ssuggerixxa li sa l-ahhar ta' Settembru 2010, kull kunsillier irid ikollu l-pjanijiet tieghu.

5.4 - Il-Kunsilliera Ebejer staqsiet jekk iridux jahsbu ghal 3 snin shah minhabba l-Kunsill ta' wara.

5.5 - Il-Kunsillier Dalli qal li l-Kunsill ta' warajna imbaghad jemendawh huma.

## 6) Triq Palma

6.1 - Is-Sindku qal li qed ikun hemm hafna ncidenti fi Triq Palma u li anke l-Pulizija gibdu l-attenzjoni, u ghalhekk huwa ssugerixxa li jsiru *sleeping policeman*.

6.2 - Il-Kunsilleir Seychell qal li r-residenti tal-Parti ta' Fuq tat-Triq palma talbuh biex issir zebra crossing.

6.3 - Il-Kunsillier Lynch qal li jekk isiru s-sleeping policeman, ser ikollna hafna complaints minhabba l-istorbju li jaghmlu.

6.4 - Is-Sindku qal li huwa Personali ser jiehu hsieb fejn ser jitwahhlu s-*sleeping policeman*. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

6.5 - Il-Kunsillier Dalli qal li niktbu ittra lil pulizija dwar dan.

6.6 - Il-Kunsillier Lynch qal li Triq id-Dghajjes hija perikoluza hafna ghax il-karozzi jghaddu xorta kontra l-*one-way*.

6.7 - Il-Kunsilliera Ebejer staqsiet dwar Triq id-Dghajjes. Hija staqsiet jekk tistax titnehha minn kif qieghda. Il-membri tal-Kunsill ma qabblux.

### 7) Repair Urbact / UIF Funds

7.1 - Is-Sindku qal li miexi wkoll il-progett tal-Habs ta' Kordin.

7.2 - Il-Kunsillier Dalli qal li l-*Action Plan* tal-Kunsill Lokali Paola (*pilot plan*) gie approvat u ntaghzel bhala mudell ghall-EU. Huwa kompla jghid li dan bhala progett issa sar ta' l-Urbact, u hemm il-fondi ta' € 5,000 biex jigi pprintjat u l-Kunsill Lokali Paola jista' ma jonfoqx din is-somma kollha.

7.3 - Huwa ssugerixxa li nipprintjaw 4,000 kopja biex nqassmuhom fid-djar, u nqassmu wkoll lill-membri Parlamentari. Huwa zied jghid li s-Sur Malcolm Borg ghamel xi haga simili mal-Kunsill tal-Belt ukoll.

7.4 - Hu ssuggerixxa li jiltaqa' mas-Sur Borg u mbaghad wara jiddiskutu.

### 8) Haddiema IPSL / CCF

8.1 - Is-Sindku qal li hemm bzonn niccaqilqu fuq il-Haddiema tal-IPSL. Is-Sindku ssuggerixxa li s-Sur Joseph Mizzi jintbaghat lura l-IPSL minhabba li kellmuh diversi drabi, izda kien kollu ta' xejn u baqa' ma rrangax.

8.2 - Il-Kunsilliera qabblu li s-Sur Joseph Mizzi ghandu jintbaghat lura l-IPSL u jintalab haddiem iehor.

8.3 - Is-Sindku qal li lill-prigunieri naghtuhom *donation* ghal xoghol siewi li qed jaghmlu.

8.4 - Il-Kunsilliera Ebejer staqsiet jekk jistghux jaccettaw flus.

8.5 - Is-Sindku qal li dan huwa rikonoxximent ghax xoghol siewi li qed jaghmlu fil-lokal.

8.6 - Il-Kunsillier Dalli qal li jekk ntuhom € 1,500 fis-sena, nkunu qed ntuhom LM 53 fix-xahar tal-flus l-antiki.

8.7 - Il-Kunsillier Borg Myatt qal li l-idea li ntuhom flus tbezzghu ftit minhabba l-prigunieri l-ohrajn.

8.8 - Is-Sindku ssuggerixxa wkoll l-idea li jsir xi tip ta' ftehim ma' xi hwienet.

8.9 - Il-Kunsillier Borg Myatt qal li l-ahjar nkellmu lid-Direttur tal-Habs u naraw jekk ghandhomx bzonn xi affarijiet li huma utli ghalihom.

8.10 - Il-Kunsillier Dalli qal li l-ahjar li ninvolvu lid-Direttur u s-Segretarju qal li diga' nvolvih kif hemm mnizzel fil-lista tal-pagamenti.

8.11 - Il-Kunsillier Borg Myatt qal li l-ahjar li niktbu lid-Direttur biex jaghmlilna ittra bil-miktub, ghax ghal ghaqdiet noqoghdu hafna attenti u ghandna nimxu l-istess ma' kulhadd.

8.12 - Il-Kunsillier Dalli qal li ghandna niehdu l-permess tad-Direttur tal-Habs u jekk jaqbel ma' dan, isir il-hlas.

Il-Kunsilliera qabblu ma' dan.

**9) Pagamenti**

Is-Segretarju ressaq l-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

9.1 - **Cekk nru 3040** – Il-Kunsillier Lynch staqsa fuq dan il-pagament. Is-Segretarju qal li dak il-pagament hu tat-Tender tal-progetti tal-EU.

9.2 - **Cekk nru 3041**- Il-Kunsillier Dalli staqsa fuq dan il-pagament. Is-Segretarju qal li dan il-pagament huwa biex nergghu nappellaw l-kaz tal-Kiosk tal-Festa rridu nhallsu €500.

9.3 - **Cekk nru 2970** – Il-Kunsillier Seychell staqsa kif dan il-pagament ghadu b'lura daqshekk.

9.4 - **Cekk nru 2961** – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar xiex inhu l-pagament ta' Dr.Luciano Busuttil li jammonta ghal € 400.00.

9.5 - Is-Segretarju gab l-*itimised bill* u pprezentah lil kulhadd tat-telefonati li ghamel lil Italja minn fuq ic-cellulari tieghu ghall-ammont ta' € 139.

9.6 - Il-Kunsillier Dalli qal li xi erba' laqghat ilu, il-Kunsill ddecieda li ssir *international line u fax*. Is-Sindku ghandu jmur jiffirma nhar is-Sibt 17 ta' Lulju 2010.

9.7 - **Cekk nru 3031** – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar il-pagament ta' Nexos Lighting. Is-Segretarju qal li jista' jghid lill-Iskrivan Richard Sciberras biex jurih l-kontijiet kollha dettaljati.

9.8 - Is-Sindku qal li qed ikollu hafna lmenti minhabba li Triq Tal-Borg saret one-way u ghaldqastant qed jissuggerixxi li terga' tigi kif kienet qabel.

9.9 - Il-Kunsillier Dalli u l-Kunsillier Seychell qlu li n-nies tghidx kemm qululhom proset ta' Triq il-Borg ghax giet tajba one-way.

9.10 - Is-Sindku qal li n-nies qed icemplu l-Trasport Malta u qed jghidulhom li Triq Tal-Borg saret min-naha tal-Kunsill Lokali Paola.

9.11 - Is-Sindku ssugerixxa li ghal zmien il-Festa ta' Kristu Re ngibu 3 *mobile toilets* fil-Pjazza Antoine De Paule. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

**10) Aggornament**

Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta10 ta' Awissu 2010 fis-6.00pm.

Approvati llum 10 Aug 10

Kevin Borg

Segretarju

Dominic Grima

Sindku